Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 16 ta' Marzu 2001.

Avviz Nru: 2258/98

George u Pauline mizzewgin Borg

Vs

Gordon Camenzuli

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma li tigi likwidata in linea ta' danni sofferti mill-atturi fil-vettura taghhom Hyundai Pony bin-numru ta' registrazzjoni IAO-083 meta fit-8 ta' Gunju 1998 gewwa Antonio Schembri Street, San Gwann, huwa investihom bil-vettura tieghu Mazda bin-numru ta' registrazzjoni AAV-306, liema kollizzjoni sehhet unikament minhabba imperizja negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Settembru 1998 kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Ghall-fini ta' kompetenza jigi ddikjarat li d-danni reklamati ma jeccedix is-somma ta' hames mitt lira (Lm500).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-esponenti ma jahti xejn ghall-kollizzjoni in kwistjoni.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat ukoll id-domandi in subizzjoni maghmula mill-atturi ghas-subizzjoni tal-konvenut;

Rat ukoll illi l-konvenut naqas li jidher ghas-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti hija ampjament sodisfatta mill-provi prodotti mill-atturi stante ukoll in-nuqqas ta' dehra biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni tal-konvenut; illi d-danni totali li soffrew l-atturi a kawza tal-kollizzjoni in kwistjoni kienu jammontaw ghas-somma ta' erba' mija sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm426) kif anke juru l-ircevuti minnhom esebiti.

Inoltre mid-deposizzjoni tal-attur u ta' ibnu u n-nuqqas ta' risposta tal-konvenut ghad-domandi in subizzjoni, ir-responsabbilta' ghall-incident in kwistjoni tirrizulta li kienet tal-konvenut esklussivament; ghaldaqstant tilqa' t-talbiet attrici u tillikwida d-danni sofferti mill-atturi mill-kollizzjoni indikata fl-avviz fis-somma ta' erba' mija u sitta u ghoxrin lira (Lm426) u stante illi din il-kollizzjoni sehhet unikament minhabba imperizja, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut. Qieghda tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi l-imsemmija somma ta' erba' mija sitta u ghoxrin liri Maltin (Lm426).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia
Dep/Reg                                                                 Magistrat